**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 28 ta' Novembru, 2019**

**Rikors nru: 235/13 AGV**

**AB**

**vs**

**CDB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attrici pprezentat fil-11 ta' Novembru, 2013 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi nhar l-14 ta' April, 2007 gie ccelebrat iz-zwieg bejn il-kontendenti fil-Knisja Parrokkjali ta' Maria Assunta, Attard u dan kif jidher mill-anness certifikat taz-zwieg immarkat bhala Dok.A.

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel li jismu EB, li twieled nhar it-2 ta' Awissu, 2008 u dan kif jidher mill-anness certifikat tat-twelid immarkat bhala Dok.B.

3. Illi l-problemi matrimonjali ilhom snin ghaddejjin u dan minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenuta fosthom izda mhux limitatament, sevizzi, ingurji, vjolenza u adulterju da parti tal-konvenuta.

4. Illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal din l-ahhar sena.

5. Illi l-minuri qed ighix mal-konvenuta fir-residenza tal-genituri taghha H' Attard mentri l-attur qed ighix gewwa r-residenza fl-Imtarfa li hija proprjeta' parafernali tieghu.

6. Illi r-regim matrimonjali li jirregola z-zwieg tal-partijiet hija s-separazzjoni tal-beni ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-beni in atti Nutar Dr.I an Spiteri anness u mmarkat bhala Dok. C liema kuntratt kien gie maghmul qabel iz-zwieg tal-kontendenti.

7. Illi fil-fehma tal-attur hemm ragunijiet gravi u sufficjenti kif kontemplati fil-ligi li jwasslu ghall-otteniment ta' separazzjoni personali.

8. Illi l-attur gie awtorizzat jipprocedi ghas-separazzjoni personali skond id-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti, moghti fl-atti tal-medjazzjoni miftuha mill-istess attrici li ggib in-numru 1118/12CS.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenuta u tawtorizza lill-attur ighix separatament minn mal-konvenuta u ghall-finijjiet tal-Artikolu 48 © tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta tistabilixxi d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun ikkunsidrata hatja tal-firda.

2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri EB konguntivament f’idejn il-kontendenti genituri, salv l-access favur l-attur illi jigi ezercitat fil-granet u l-hinijiet illi jigu appozitament stabbiliti minn dina l-Onorabbli Qorti.

3. Tiddikjara illi l-konvenuta ddekadiet mid-dritt li titlob u/jew tottjeni l-hlas ta’ manteniment ghaliha nnifisha minghand l-attur u tiddikjara li ebda manteniment mhu pagabbli mill-attur lill-konvenuta ghaliha nnifisha.

4. Tiffissa dik ir-retta alimentari xierqa u adegwata ghall-htigijiet tal-minuri EB skond il-mezzi tal-attur u l-bzonnijiet tal-istess minuri, pagabbli mill-attur lill-istess konvenuta fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti jew jekk jidher iktar xieraq lill-istess Qorti.

5. Tapplika kontra l-konvenuta interament jew in parti, id-disposizzjonijet tal-artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-konvenuta li eccepiet:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar l-14 ta’ April, 2007 fil-Knisja ta’ Maria Assunta, H’ Attard.

2. Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel EB, nhar it-2 ta’ Awissu, 2008.

3. Illi ghall-kuntrarju ta’ dak li nghad mill-attur, iz-zwieg tal-partijiet gie rez impossibbli minhabba eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi u vjolenza da parti tal-attur, liema vjolenza u ngurji ghamlu l-hajja konjugali impossibbli, htija tal-attur.

4. Illi ghall-kuntrarju ta’ dak li nghad mill-attur, l-esponenti ilhom separati de facto sa mill-1 ta’ April, 2012, meta l-esponenti kienet imgieghla titlaq mid-dar matrimonjali minhabba cirkostanzi li kienet tghix fihom stante l-fatt illi l-ambjent kien sar wiehed intollerabbli u dan ikkagunat mill-attur u l-atteggjament tieghu u dan kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

5. Illi huwa minnu illi l-minuri E qieghed jirrisjedi mal-esponenti fid-dar tal-genituri taghha f’H’ Attard, filwaqt li l-attur qieghed jirrisjedi fid-dar matrimonjali fl-Imtarfa, liema dar hija proprjeta’ parafernali tieghu.

6. Illi l-esponenti hadet hsieb il-bzonnijiet tal-minuri u dejjem zgurat illi tqatta’ hin kwalittativ mal-minuri. Il-minuri ghandu bond qawwija mal-omm, stante l-fatt illi anke ghalkemm il-missier ghandu l-access stipulat minn digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti, huwa ma jaghmilx sforz biex jimxi skond it-termini ta’ dan id-digriet.

7. Illi filwaqt illi l-esponenti taghmel hilitha kollha biex trabbi lill-minuri f'ambjent trankwil u tipprovdilu dak kollu mehtieg, l-attur qatt ma jiehu interess fil-minuri u m'ghandux il-pacenzja illi jqatta' l-hin mieghu.

8. Illi huwa minnu illi l-konjugi huma rregolati bir-regim tas-separazzjoni tal-assi bhala r-regim matrimonjali taghhom.

9. Illi hemm ragunijiet gravi u sufficjenti fil-ligi li jwassal ghall-otteniment ta' separazzjoni personali, liema ragunijiet huma unikament imputabbli lill-attur.

10. Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment.

11. Illi l-esponenti qiedgha tinterponi kontro-talba kontestwalment ma' din ir-risposta.

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici limitatament fejn tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u tawtorizza lill-attur ighix separatament minn martu, l-esponenti.

2. Tichad it-tieni talba attrici limitatament fir-rigward tal-kura u l-kustodja tal-minuri filwaqt illi tilqa' t-talba ghall-access mill-missier.

3. Tichad it-tielet talba attrici.

4. Tilqa' r-raba' talba attrici.

5. Tichad il-hames talba attrici.

Salv risposti ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra l-attur, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 259/13.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta li ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-konvenuta ilha mizzewwga lill-attur sa mill-14 ta' April, 2007 u minn dan iz-zwieg twieled tifel, E, nhar it-2 ta' Awissu, 2008 u li ghalhekk ghadu minorenni.

2. Illi z-zwieg tal-partijiet huwa rregolat mir-regim tas-separazzjoni tal-assi u dan ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-beni datat 14 ta' Frar, 2007 in atti tan-Nutar Dr. Ian Spiteri.

3. Illi l-konvenuta kienet ilha tissubixxi vjolenza u ingurji gravi da parti tal-attur u dan kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza b'mod li ghalhekk il-hajja matrimonjali giet reza impossibbli. Inoltre, kien hemm ukoll inkompatibbilita' ta' karattru.

4. Illi l-attur rikonvenzjonat hebb ghall-esponenti f'diversi okkazzjonijiet u f'okkazzjoni minnhom huwa stess ammetta dan mal-pulizija meta l-esponenti kellha ccempel lill-pulizija ghall-ghajnuna waqt argument ma' zewgha. (Ara Dok .A anness).

5. Illi l-esponenti kellha titlaq mid-dar matrimonjali stante illi ma felhitx aktar l-agir abbuziv tal-intimat, illi kien ilu ghaddej ghal snin shah bit-tama li l-attur rikonvenzjonat ibiddel l-agir tieghu u ssalva z-zwieg taghhom, liema sforz pero' safa fix-xejn.

6. Illi l-attur rikonvenzjonat qieghed jaghmilha difficli sabiex il-partijiet jisseparaw b'mod bonarju, tant illi f'zewg okkazzjonijiet waqt il-proceduri ta' medjazzjoni ntavolati mill-esponenti, meta l-partijiet kienu lahqu ftehim u waslu biex jabbozza kuntratt, l-attur rikonvenzjonat biddel l-avukat u ghaldaqstant il-ftehim qatt ma wasal fl-istadju ta' abbozz.

7. Illi prezentement l-esponenti ghandha l-kura u kustodja ta' binha E, filwaqt li l-attur rikonvenzjonat ghandu access ghall-minuri kull nhar ta' Erbgha u kull nhar ta' Gimgha mis-2.15 pm sal-5.30 pm u alternattivament darba s-Sibt mis-2.00 pm sal-5.30 pm u l-gimgha ta' wara l-Hadd mill-10.00 am sas-1.30 pm u dan ai termini tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datata 14 ta' Marzu, 2013.

8. Illi l-attur rikonvenzjonat qatt ma jiehu interess fil-minuri u m'ghandux pacenzja illi jqatta' hin mieghu.

9. Illi l-esponenti tahdem bir-reduced hours ta' 25 siegha fil-gimgha u dan sabiex tkun tista' trabbi lil binha. Precedentement hija kienet tahdem 20 siegha fil-gimgha u dan sa Settembru 2013, izda kienet impossibbli ghaliha li tlahhaq mal-ispejjes u ghaldaqstant kellha zzid is-sieghat tax-xoghol taghha.

10. Illi l-attur rikonvenzjonat, ghalkemm qatt ma qal lil martu kemm jaqla' mill-impjieg tieghu, dejjem qala' ammont sostanzjali li jhallih komdu jaghmel il-kapricci kollha li jrid.

11. Illi permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 13 ta' Gunju, 2013, l-attur rikonvenzjonat gie ordnat ihallas l-ammont ta' €350 fix-xahar lill-esponenti bhala manteniment pendente lite ghal binhom

minuri, liema somma tinkludi ukoll l-ispejjes ordinarji ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri u liema manteniment ghandu jizdied kull sena mal-anniversarju tal-istess digriet skond l-indici tal-gholi tal-hajja, liema digriet kellu ukoll effett retroattiv, b'effett mill-20 ta' Dicembru, 2012.

12. Illi l-attur rikonvenzjonat naqas milli josserva ghal kollox id-disposizzjonijiet ta' dan id-digriet u ghal dan il-ghan kellhom isiru diversi rapporti lill-pulizija u nzammu ukoll diversi seduti l-Qorti li l-attur rikonvenzjonat qatt m' attenda ghalihom u ghaldaqstant ghadhom sub-iudice. Inoltre inhareg ukoll mandat ta' sekwestru (Nru. 259/13) sabiex l-esponenti tkun tista' tiehu l-manteniment dovut lilha kif ukoll l-pagamenti dovuti mill-attur rikonvenzjonat fir-rigward tas-sehem tieghu mill-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni straordinarji tal-minuri, izda l-istess mandat ma kellux ezitu posittiv.

13. Illi l-konvenuta qiedgha tuza l-istess digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) bin-numru 1118/12CS sabiex hija tkun tista' tipprezenta l-istanti.

14. Illi l-konvenuta taf b'dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant u in vista tal-premess, il-konvenuta titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, ordni u provvediment opportun joghgobha:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur rikonvenzjonat kif fuq inghad u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba vjolenza, ingurji gravi u sussidjarjament minhabba

inkompatibbilita' ta' karattru u ghall-finijiet tal-Artikolu 51 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta bl-applikazzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta tistabbilixxi d-data meta l-istess attur ghandu jkun ikkunsidrat li minnha huwa kien hati tal-firda.

2. Tawtorizza lill-konvenuta tghix separatament mill-attur rikonvenzjonat.

3. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri EB f'idejn l-esponenti.

4. Tordna illi l-minuri jghix primarjament mal-esponenti bi dritt ta' access favur l-attur rikonvenzjonat, liema access m'ghandux jinkludi sleepovers u dan fl-ahjar interess tal-minuri kif ser jigi ampjament ppruvat fil-mori tal-kawza.

5. Tordna lill-attur konvenzjonat sabiex ihallas retta alimentarja ghall-minuri EB inkluz inkrementazzjoni perjodika sabiex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, flimkien ma' nofs l-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni straordinarji u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri, b'dawk il-modalitajiet kollha li din l-Onorabbli Qorti thoss xierqa u opportuni, inkluz permezz ta' standing order li l-attur rikonvenzjonat ghandu jigi ordnat jaghmel a favur ir-rikorrenti.

6. Tiddikjara illi l-konvenut iddekada mid-dritt illi jitlob jew jottjeni l-hlas ta' manteniment ghalih innifsu minghand l-esponenti u tiddikjara illi l-ebda manteniment m'hu dovut mill-esponenti lill-attur rikonvenzjonat ghalih innifsu.

7. Tordna lill-attur rikonvenzjonat sabiex jikkonsenja lill-konvenuta l-beni kollha dotali u parafernali taghha u dan fi zmien qasir u

perentorju u separatament tordna illi l-konvenuta tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali u dotali taghha. Fin-nuqqas, l-attur rikonvenzjonat ghandu jigi kkundannat ihallas lill-konvenuta l-valur ta' din il-proprjeta' hekk kif jigu likwidati okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

8. Tapplika kontra l-attur rikonvenzjonat interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 u/jew 51 sa 55A tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. Tawtorizza lill-esponenti tirriverti ghall-kunjom xbubitha u cioe "F''.

Bl-ispejjes kontra l-attur rikonvenzjonat, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru surriferit, li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-attur li eccepixxa illi:-

1. Illi l-eccipjent jaqbel mal-ewwel talba tal-konvenuta rikonvenzjonata limitatament ghall-pronunzjament tal-firda u separazzjoni personali bejn il-partijiet izda jopponi ghat-tieni parti tal-istess l-ewwel talba fis-sens illi l-htija ta' tali firda hija attribwibbli unikament lill-konvenuta rikonvenzjonata u dan kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi l-eccipjent ma jopponix ghat-tieni talba tal-konvenuta rikonvenzjonata.

3. Illi l-eccipjent jopponi ghat-tielet talba tal-konvenuta rikonvenzjonat stante illi l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata konguntivament iz-zewg partijiet.

4. Illi l-eccipjent jaqbel mar-raba' talba tal-konvenuta rikonvenzjonata ghall-ordni ta' access favur l-attur rikonvenzjonat b'dan illi dan ghandu jkun it-Tlieta u l-Hamis mill-4.15 pm sas- 7.30 pm u fil-weekends is-Sibt mis-2pm sas-6pm u l-gimgha ta' wara l-Hadd mill-10 am sas-7 pm u jibqghu jithaddmu hekk b'mod alternat.

5. Illi l-eccipjent jaqbel mal-hames talba tal-konvenuta rikonvenzjonata, liema manteniment favur il-minuri iben il-partijiet, EB ghandu jirrifletti l-ezigenzi tal-minuri kif ukoll l-introjtu u d-disponibbilita' finanzjarja taz-zewg partijiet.

6. Illi l-eccipjent jopponi ghas-sitt talba peress li din hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ebda manteniment ma huwa mitlub minghand l-attur rikonvenzjonat favur tieghu u ghalhekk ghandha tigi michuda u l-ebda manteniment ma huwa dovut mill-attur rikonvenzjonat lill-konvenuta rikonvenzjonata.

7. Illi l-eccipjent jopponi ghas-seba' talba stante illi huwa ma jiddetjeni l-ebda beni parafernali jew dotali appartenenti lill-konvenuta rikonvenzjonata peress li dawn ittiehdu minnha stess meta hija allontanat ruhha mid-dar matrimonjali minghajr ebda raguni valida u ghalhekk ghandha tigi michuda.

8. Illi l-eccipjent jopponi ghat-tmien talba stante illi din hija insostenibbli u kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda,

9. Illi l-eccipjent ma jopponix ghad-disa' talba tal-konvenuta rikonvenzjonata.

   Salv eccezzjonjiet ulterjuri u bl-ispejjes kontra l-konvenuta rikonvenzjonata li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti.

Rat ir-rikors u d-digriet tat-18 ta' Marzu, 2016.

Rat in-nota ta' cessjoni tal-attur.[1]

Rat li l-verbal tas-seduta tat-22 ta' Jannar, 2015 fejn gie ddikjarat mill-partijiet illi jaqblu li z-zwieg ta' bejniethom tkisser minghajr ma jigi mputat tort fuq l-ebda parti. Qablu ukoll illi kull parti qed tirrinunzja ghal kwalunkwe dritt ta' manteniment.[2]

## FATTI

## RESPONSABBILITA'

[1] Ara fol. 562 tal-process.
[2] Ara fol. 250 tal-process.

1. Il-partijiet iltaqghu f'April, 2007 wara sitt snin u nofs gharajjes. Il-konvenuta kienet tahdem bhala accounts clerk, filwaqt li l-attur kien jahdem *self-employed* fin-negozju li wiret minghand il-familja fuq xoghol ta' lavur u balavostri. Malli zzewwgu l-konvenuta kienet marret tghix mieghu fil-post li kellu l-attur fl-Imtarfa, li kien lest minn kollox.

2. L-attur jispjega li tul dawn l-ahhar hames snin, id-domanda ghax-xoghol tieghu kien naqas sew u jekk qabel kien jaqla' cirka €20,000, illum kien qed jaqla' bejn €10,000 u €12,000 u minhabba t-taxxi li jrid ihallas jaqbillu li jibqa' jahdem dan ix-xoghol part-time, filwaqt kien se jidhol impjegat bhala xufier tat-trakkijiet tal-kostruzzjoni mal-Just Construction, izda mbaghad beda jahdem ma' Catherine Construction b'paga ta' €9,000. [3] Kien ilu jahdem hemm minn Mejju, 2014 fuq bazi full time fuq 40 siegha.

   Il-konvenuta regghet dahlet tahdem wara li kellhom it-tifel peress li kellhom diversi spejjes u kienet dahlet b' reduced hours f'Awissu, 2014 u ghandu paga ta' madwar €16,000 fis-sena u tirrisjedi ma' missierha.

   L-attur jikkonferma li l-uniku ass li ghandu huwa l-garaxx minn fejn jahdem, li kien xtara minghand missieru ghall-prezz ta' €30,000 u kien ghad ghandu d-dejn fuqu u vettura Peugeot. Jikkonferma li ghandu ukoll dinghy u scooter.

[3] Ara Dok. SJ1 a fol. 321 tal-process.

3. L-attur ihoss li l-problemi fiz-zwieg taghhom bdew meta kellhom it-tifel E li llum ghandu hames snin u nofs. Il-konvenuta kienet ghamlet sena d-dar u tul dan iz-zmien, kienet bdiet titraskura d-dar u anke lit-tifel, biex tqatta' hafna hin fuq il-kompjuter u fil-fatt meta kien jigi lura mid-dar, kien jispicca jkollu jnaddaf u jsajjar.

   L-attur induna li kienet qed tikkomunika ma' certu Taljan G, u wara li ssikaha kienet ammettiet li kienet qed titkellem mieghu, izda ma kien gara xejn. Ighid li llum il-konvenuta ghadha qed tiltaqa' mieghu.

   Sakemm il-konvenuta ma kinitx qed tahdem, l-attur kien ihallas l-ispejjes tal-hajja kollha u l-istess kien baqa' jaghmel meta l-konvenuta kienet marret tahdem mal-MFSA bir-reduced hours.

4. L-attur ighid li kien ikollhom hafna xi jghidu minhabba li l-konvenuta kienet titraskura lill-familja u kienet taghmel minn kollox biex jigu fl-idejn u gieli kienet twaddablu l-platti. Kien hemm l-incident li wassal lill-konvenuta biex titlaq mid-dar matrimonjali u dan kien meta kellhom xi jghidu fuq ilma li kien dahal fid-dar taghhom. Waqt l-argument, il-konvenuta kienet ghamlet ghalih b'sikkina u ghamlitlu farret. Kien ried imur jaghmel rapport mal-pulizija, izda sakkritu gewwa, imbaghad meta ftit jiem wara rega' kellhom incident, kien mar jaghmel rapport peress li kienet qed tipprovokah. Madanakollu, kien imbaghad waqqa' l-akkuzi. Ftit granet wara, l-konvenuta kienet telqet.

5. Sharon Tanti, in rapprezentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija, esebiet ir-rapporti li saru mill-attur kontra l-konvenuta.[4]

**MANTENIMENT**

1. George Spiteri, in rapprezentanza tal-MFSA kkonferma li l-konvenuta tahdem bhala Clerk II. Kellha zieda fil-paga taghha u minn €9,600 il-paga ziedet ghal €10, 966. Tahdem 25 siegha, pero' dan b'ghazla taghha u dan peress li setghet tahdem bejn 30 u 40 siegha fil-gimgha wara sitt snin minn mindu tohrog bl-unpaid leave. Ighid li l-konvenuta kienet avzathom li riedet izid ghall-40 siegha fil-gimgha u ghalhekk il-paga tizdied pro rata (€10, 966/25 x 40 = €17, 545.60).[5]

2. HI, kien l-accountant tal-attur minn mindu beda jahdem fuq ix-xoghol ta' lavur u balavostri. Esebixxa l-Profit & Loss Report tal-attur ta' dawn l-ahhar erba' snin, minn fejn jirrizulta li l-bejgh tal-attur naqas minn €22, 184 fis-sena 2010 ghal €9, 778 ghas-sena 2013 u ghalhekk kien hemm tnaqqis ta' 56%. Jirrizulta li kien hemm tnaqqis fil-profitt ta' 50%. Ighid li dan jahdimhom fuq l-ircevuti fiskali li jkun hareg l-attur, kif ukoll l-ircevuti relatati mal-ispejjes. [6]

   Dwar il-profit and loss account, jispjega li jidher li l-introjtu tieghu huwa ta' €10, 000, izda jirrizulta li hallas €19,000 peress li kien issellef id-differenza minghand zitu JK u dan biex jehel anqas interessi u kien ghad fadallu jhallasha lura €5,000.

[4] Ara Dok. ST1 u ST 8 a fol.235 – 244 tal-process.
[5] Ara Dok. GS 1 – GS 2 a fol. 230 u fol. 244 tal-process.

[6] Ara Dok. C1 – C5 a fol. 261 – 264 tal-process.

Jikkonferma ukoll li minhabba t-tnaqqis tal-introjtu tieghu, l-attur kien kellmu li kien interessat li jibqa' jahdem bhala self-employed fuq bazi part-time, filwaqt li jibda' jahdem full-time billi jimpjega ruhu. L-attur gab provi tal-profit and loss statement tieghu ghas-sena 2017.

3. Il-konvenuta kkonfermat li b'digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 28 ta' Novembru, 2014 gie ordnat illi l-attur ghandu jhallas €250 fix-xahar , inoltre nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha. Tistqarr li l-attur qatt ma hallas dan il-manteniment u dan b'varjazzjoni ghad-digriet tat-13 ta' Gunju, 2013. In kontro-ezami, l-attur ighid li qed ihallas €310 fix-xahar bhala manteniment u dan jinkludi ukoll l-ispejjes edukattivi u tas-sahha. Ighid li ma kienx hallas spejjes ta' sahha u edukazzjoni li k jammontaw ghal €2, 888.82 peress li skond l-ordni li ghandu l-manteniment li kien qed ihallas ikopri l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

Il-konvenuta tkompli tispjega li ghalkemm interpellat diversi drabi l-attur biex ihallas il-hlas dovut ta' manteniment, huwa ghadu ma hallasx l-ispejjes straordinarji ta' aktar minn sentejn u l-ispejjes ordinarji dovuti lill-konvenuta fir-rigward tal-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri li sal-ahhar ta' Marzu, 2015 kienu jammontaw ghal nofs l-ispejjes li hallset hi u cioe' €1, 365.50. Minn dawn kien hallas biss €100 u lanqas biss ma hallas l-gholi tal-hajja.

Il-konvenuta tispjega li l-minuri jbati minn problema ta' eczema u ghalhekk dina l-kundizzjoni tirrikjedi spejjes kbar ta' medicini u kremiet sabiex ifejqu l-gilda.

**ACCESS**

Dwar l-access, il-konvenuta tispjega li dan qed jigi ezercitat skond digriet datat 14 ta' Marzu, 2013 u cioe' kull nhar ta' Erbgha u Gimgha mis-2.15 pm sal-5.30 pm u alternattivament is-Sibt mis- 2pm sal-5.30 pm u l-gimgha ta' wara il-Hadd mill-10 am sas-1.30 pm.

Peress li l-konvenuta tahdem full-time, xtaqet li taghmel tibdiliet minimi fl-access u dan partikolarment ghall-istagun tas-Sajf jew meta l-minuri ma jkollox skola. Tippreferi li l-access l-Erbgha u l-Gimgha jigi ezercitat minflok minn 12 pm sal-5.30 pm.

Il-konvenuta tinsisti li meta t-tifel minuri jkun mal-attur ma jitlax mieghu fuq kwalsiasi tip ta' dghajsa li jkollha mutur b' velocita' ta' aktar minn 25ph peress li l-attur isuqhom b'velocita' qawwija.

Dwar safar, il-konvenuta xtaqet ukoll li kemm il-darba l-attur jopponi li t-tifel minuri jsiefer maghha, ikollu jkun responsabbli ghat-tifel minuri, ghall-akkomodazzjoni u l-manteniment tieghu. Xtaqet ukoll li jekk kemm il-darba ssiefer wahedha, il-kura u kustodja tkun f'idejn missierha LF u ohtha MN.

4. . KONTIJIET BANKARJI

1. Audrey Ghigo, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. ikkonfermat li hemm kont bankarju f'isem il-konvenuta li nfetah fis-sena 1999.[7][8]

---

[7] Ara Dok,A
[8] Ara dok. AG 1 a fol. 50 tal-process.

2. Joseph Saliba in rapprezentanza tal-ETC esebixxa l-employment history tal-attur u l-lista tal-impjegati mieghu.[9]

   Joseph Saliba in rapprezentanza tal-Jobsplus

3. Romuald Attard in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. xehed li sab hames kontijiet f'isem l-attur, wiehed kongunt u tlieta f'isem il-konvenuta.

   **<u>F'isem l-attur</u>**

i) Savings account numru 14611566013 b'bilanc ta' €1804.29[10]

ii) Current account numru 40013400453 b'bilanc ta' €2443.54[11]

iii) Kontijiet Dok. RA 3 sa RA 5 huma kollha maghluqin.

**<u>F'isem il-konvenuta</u>**

It-tlett kontijiet f'isem il-konvenuta huma s-segwenti:-

i) Current account b'bilanc ta' €441.[12]

ii) Savings account b'bilanc ta' €0.70[13]

iii) Savings account b'bilanc ta' €127.13[14]

---

[9] Ara Dok. JC 1 u JC 2 a fol. 58-59 tal-process.

[10] Ara Dok. RA 1 a fol. 60 tal-process.
[11] Ara Dok. RA 2 a fol. 71 tal-process.
[12] Ara Dok. RA 7 a fol. 136 tal-process.

[13] Ara Dok. RA 8 a fol. 137 tal-process.

[14] Ara Dok. RA 9 a fol. 141 tal-process.

**ASSI**

1. L-attur jikkonferma li bhala assi hu ghandu l-appartment door 30, Binja Buqana, Triq it-Torri tal-Arlogg, L-Imtarfa, li kien xtraha fl-2002.[15]

2. Dr. Robert Vassallo in rapprezentanza tad-Direttorat tal-Portijiet u Yachting fi hdan l-Awtorita' tat-Trasport ikkonferma li l-attur ghandu zewg dghajjes irregistrati fuq ismu, wahda bin-numru S16687 li ghandha r-registrazzjoni taghha valida sal-31 ta' Mejju, 2021 u l-ohra li ghandha n-numru S 18536 li r-registrazzjoni taghha skadiet fil-31 ta' Dicembru, 2015. [16]

   Peress illi d-dghajsa li ggib in-numru S 18536 m'ghandhiex registrazzjoni mgedda, ma tistax tintuza fl-ibhra Maltin.

   In kontro-ezami, l-attur ighid li kellu dghajsa li kienet tal-habib tieghu OP u kien ghamel zmien izommhielu. Ighid li ghandu pero' fil-pussess tieghu dinghy zghir ta' 10 piedi b'valur ta' cirka €10,000. Kellu anke l-fishing rod tieghu li nbieghet.

3. Stephen Cachia in rapprezentanza tat-Transport Malta kkonferma li l-attur ghandu zewg vetturi f'ismu Piaggio b'numru ta' registrazzjoni EBV 245 b'valur ta' €1,000 u Audi b'numru ta' registrazzjoni ACF 489.[17] L-attur izid ukoll li ghandu vettura antika van tax-xoghol Toyota Hilux tas-sena 1998.

---

[15] Ara dok. RSX a fol. 668 tal-process.
[16] Ara Dok. RV1 u RV2 a fol. 549 -553 tal-process.
[17] Ara Dok. SC1 a fol. 556 tal-process.

4. Karen Cremona in rapprezentanza ta' Transport Malta xehdet dwar vetturi li fil-passat kienu registrati fuq isem l-attur u dawn jirrizultaw mid-Dokument KC 1.[18]

   L-attur ighid ukoll li kien hemm diversi karozzi li kien xtrahom bl-hsarat u kien irrangahom u bieghhom.[19]

5. Walter Aquilina, in rapprezentanza ta' Calamatta Cuschieri Investments Services Ltd. xehed dwar l-investimenti li kellhom il-partijiet flimkien. Minn dan il-kont kien hareg l-ammont ta' Lm3,116.29 li gie likwidat u liema cekk kien hareg f'isem il-partijiet.[20] Xehed ukoll dwar investimenti li kellu l-attur wahdu, il-portftolio valuation prezenti,[21] kif ukoll ic-caqliq li saru tal-investimenti f'Euros,[22] filwaqt li xehed ukoll dwar il-movimenti tal-investimenti li saru f' US dollari. [23]

   Ighid ukoll li kien hemm kont f'isem il-konvenuta, liema kont kien gie likwidat fl-2010 fl-ammont ta' €10, 300.80 f'isem il-konvenuta.[24]

6. JK zit l-attur tikkonferma li kienet sellfitu €11,000 maqsumin f'darbtejn u tghid li l-attur kien hallasha €5,000 minnhom. Dan kollu huwa kkonfermat mill-attur li jghid ukoll li kien issellef xi Lm15,000 minghand missieru biex jixtri garaxx minn fejn jahdem. Jikkonferma

---

[18] Ara Dok. KC 1 a fol. 566 tal-process.
[19] Ara Dok. RSX 3 u RSX 4 a fol. 670 u 671 tal-process.

[20] Ara Dok. WA 1 a fol. 588 tal-process u Dok. XX1 a fol 607 tal-process.
[21] Ara Dok. WA 2 a fol.589-590 tal-process u Dok. XX2 U XX4 a fol. 609 u 624 tal-process.
[22] Ara Dok. WA 3 a fol. 591 – 595 tal-process.
[23] Ara Dok. WA 4 a fol. 596 – 601 tal-process.
[24] Ara Dok. XX3 a fol. 620 tal-process.

li bhala hlasijiet ta' dawn id-djun kien ghad irid jaghti lil zitu JK, cirka €4,000 u lil missieru QB is-somma ta' €23,000.

7. Maria Saliba, in rapprezentanza ta' Jesmond Mizzi Financial Advisers xehdet dwar investimenti li kellhom fl-isem l-attur. Jirrizulta li kellu bilanci ta' cash li huwa depositati maghhom f'Euros. Kien hemm ukoll xi US dollars. Dan il-cash tghid li jkun jirrapprezenta flus ta' investimenti precedenti bhala *proceeds from sale* jew inkella bhala flus depositati biex eventwalment jigu nvestiti f'investimenti.[25] Il-market value taghhom kien ta' cirka €22, 000.

   Gie esebit ukoll statement li juri kwantitajiet tal-investimenti u mhux il-market value taghhom u dawn tghid li jinstabu taht in-nominee account tal-kumpanija Jesmond Mizzi bl-attur bhala l-beneficjarju.[26]

   Tkellmet ukoll dwar l-ammont ta' flus li gie investit fir-rigward tal-investimenti msemmija u pprezentat l-istatement of account, fejn hemm bilanc ta' €2928.83. Rigward il-Hong Kong Dollar m'hemm l-ebda bilanc, filwaqt ghal US dollar kien hemm bilanc ta' $1.03.[27]

   Esebit ukoll l-investimenti kollha li saru, anke dawk li m'ghadhomx hemm. [28]

---

[25] Ara Dok. MS 1 a fol.646 tal-process.
[26] Ara Dok. MS 2 a fol. 647 tal-process.
[27] Ara Dok. SM1 a fol. 651 tal-process.
[28] Ara Dok. SM 2 a fol. 658 tal-process.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Peress li l-partijiet qablu li hadd minnhom m'ghandu jassumi tort ai finijiet tas-separazzjoni, dina l-Qorti ser tikkunsidra biss il-kura u l-kustodja tal-minuri, l-access, kif ukoll il-manteniment ghal istess minuri.

**KURA U KUSTODJA/ACCESS**

Jidher li l-minuri E ilu jghix m'ommu sa minn qabel ma nfethet dina l-kawza u ma jidhirx li hemm kontestazzjoni f'dan is-sens.

Skond digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti datat 14 ta' Marzu, 2013, gie miftiehem li l-access ghandu jigi ezercitat mill-attur kull nhar ta' Erbgha u l-Gimgha mis-2.15 pm sal-5.30 pm u alternattivament is-Sibt mis- 2pm sal-5.30 pm u l-gimgha ta' wara l-Hadd mill-10 am sas- 1.30 pm. It-tifel ghandu jingabar mill-iskola meta jkun qed jattendi u jigi rritornat fir-residenza t'ommu. Meta t-tifel m'ghandux skola ghandu dejjem jingabar u jirritorna fir-residenza tal-omm.

Minkejja li l-konvenuta taccenna ghal fatt li l-attur jonqos hafna milli jattendi ghall-access u jidher li qed jinqala' d-dizgwid f'dan is-sens, il-Qorti tobbliga l-attur sabiex jaghti pre-avviz ta' 24 siegha kemm il-darba ma jkunx ser jattendi ghall-access.

**MANTENIMENT**

Kien hemm diversi digrieti fuq il-manteniment u mbaghad b'digriet datat 18 ta' Marzu, 2016 fejn gie ordnat illi l-manteniment pendente lite ghall-minuri Francesco huwa ta' €300 fix-xahar u l-istess ammont jinkludi l-ispejjes edukattivi u tas-sahha ta' natura ordinarja oltre nofs l-ispejjes ta' edukazzjoni u sahha ta' natura straordinarja. Il-manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja.

Il-konvenuta gabet provi li l-attur ma kienx qed ihallas l-ispejjes tal-edukazzjoni, li malajr l-attur ikkonferma minhabba l-fatt li l-manteniment li kien qed ihallas kien jinkludi fih l-ispejjes ordinarji tal-edukazzjoni u tas-sahha u ghaldaqstant ma kellux obbligu li jhallas aktar minn hekk. Effettivament, illum l-attur ighid li qed ihallas €310 fix-xahar sabiex ikopri z-zidiet tal-gholi tal-hajja.

L-attur kien jahdem *self-employed* billi jahdem il-balavostri u xoghol ta' gebel iehor relatat, izda peress li d-domanda ghal dan it-tip ta' xoghol naqas kien spicca mpjega ruhu full-time u zamm is-snajja tieghu bhala part-time. Gab provi li l-introjtu naqas sostanzjalment, minkejja li ghandu diversi ammonti ta' flus fil-banek, kif ukoll xi investimenti barra minn Malta. Jippossjedi ukoll diversi vetturi. Ghaldaqstant dan ix-xenarju ma jiggustifikax l-ebda tnaqqis fl-ammont ta' manteniment imhallas u cioe' s-somma ta' €310.

Gie ppruvat ukoll li l-konvenuta llum tahdem ukoll u ghandha paga ta' cirka €17,000 f'sena peress li tahdem erbghin siegha fil-gimgha.

L-artikolu 7(1) tal-Kodici Civili jistipula illi "***il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb imantnu, ighallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikoliu 3B ta' dan il-Kodici."*** L-artikolu 3B ta' dan il-Kodici jistipula illi "***iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewwgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, ighallmu u jedukaw lill-ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied."***

L-artikolu 19 tal-Kodici Civili jiddeskrivi l-manteniment hekk:-

***"(1) Fil-manteniment jidhlu l-ikel, l-ilbies, is-sahha u l-abitazzjoni. (2) Fil-manteniment li ghandu jinghata lill-ulied u dixxendenti ohra, jidhlu ukoll l-ispejjes mehtiega ghas-sahha u ghall-edukazzjoni taghhom."***

Il-punt in kontestazzjoni huwa li l-attur jinsisti li l-manteniment li qed ihallas jinkludi l-ispejjes tal-edukazzjoni u tas-sahha skond id-digriet tat-18 ta' Marzu, 2013 u ghandu jhallas nofs l-ispejjes straordinarji, filwaqt li l-konvenuta qed tinsisti li jghaddilha manteniment ta' mhux anqas minn €350 u ghandu jhallas nofs l-ispejjes edukattivi, tas-sahha u tal-attivitatjiet extra-kurrikulari.

Saret prassi, in partikolari fis-separazzjonijiet konsenswali li jiddistingwu l-hlas ta' manteniment u l-hlasijiet ghall-ispejjes medici u edukattivi. Saret prassi ukoll li jmorru oltre minn hekk u jiddistingwu bejn spejjes ordinarji u straordinarji. Sfortunatament, il-ligi per se ma sservix ta' gwida biex wiehed jista' jiddentifika dak li huwa ordinarju jew le.

Fil-kawza odjerna, jirrizulta li l-punt in kontestazzjoni fuq il-manteniment hija l-interpretazzjoni ta' spejjes ta' natura ordinarja u spejjes ta' natura straordinarja, tenut kont tad-digriet tat-18 ta' Marzu, 2016. Lanqas ma tikkundanna lill-partijiet li taw il-verzjonijiet taghhom fuq dina l-interpretazzjoni ghaliex ma jezistux linji gwidi u parametri biex wiehed jista' jiddentifika wiehed mill-iehor. Dina l-Qorti gharblet sew sabiex tasal biex taghti definizzjoni li biha tistabbilixxi l-gwidi ta' dak li jirrapprezentaw spejjes ordinarji u dawk straordinarji. Wasslet biex tenuncja s-segwenti:-

***"In generale, le "spese ordinarie" sono quelle destinate a soddisfare i bisogni quotidiani del minore, mentre, quelle "straordinarie," sono costituite dagli "esborsi necessari a far fronte ad eventi imprevedibili o addiritura eccezzionali, ad esigenze non rientranti nelle normali consuetudini di vita dei figli minori fino a quel momento, o comunque spese non quantificabili e determinabili in anticipo o di non lieve entita' rispetto alla situazione economica dei genitori."*** [29]

***"Per la prevalente giurisprudenza, di legittimita' e di merito, vengono quindi considerate ordinarie quelle spese destinate a soddisfare i bisogni e le normali esigenza di vita quotidiana della prole, rientrati nell'assegno erogato per il mantenimento (ad esempio, l'acquisto dei libri scolastici o dei medicinali da banco, le visite di controllo routinarie, l'abbligliamento, ecc.)***

---

[29] Diritto.it Cass civ. N. 7672, del 19 luglio; Cass civ. N. 6201, del 13 marzo, 2009; cass civ, n. 23411.

***Sono ritenuti, invece, straordinari, tutti gli esborsi necessari a far fronte ad eventi imprevedibli o addiritura eccezionali, ad esigenze non rientranti nelle normali consuetudini di vita dei figli o comunque non ricorrenti, non quantificabili e determinabili in anticipo, ovvero di apprezzabile importo rispetto al tenore di vita della famiglia e alle capacita' economiche dei genitori (ad es. interventi chirurgici o fisioterapia; spese per occhiali da vista, lezioni private, patente di guida, acquisto di un motorino, ecc)."***[30]

Fil-gurisprudenza Taljana id-diversi Tribunali, flimkien mal-esperti legali waslu sabiex iddentifikaw diversi spejjes **ordinarji** u **straordinarji** sabiex iservu bhala gwida u jevitaw dizgwid bejn il-partijiet. S'intendi dawn il-gwidi qatt m'huma ser ikunu "exhaustive," pero' l-gurisprudenza rnexxielha tiddetermina linja ta' gwidi omogenji ta' x'jammonta ghall-ispejjes ordinarji u straordinarji li huma ddentifikati bhala s-segwenti u din il-Qorti se taddotahom u taghmilhom taghha:-

a) **"spese relative alla salute"**[31] u cioe' spejjes relatati mas-sahha tal-minuri. Bhala spejjes ordinarji dawn jikkonsistu fil-vizti li jsiru abitwalment ghand tabib jew pedjatra, inkluz l-injezzjonijiet (vaccinations) mehtiega skond il-ligi, kif ukoll ix-xiri ta' medicini ta' uzu komun. L-ispejjes straordinarji jikkonsistu fil-kura li ssir ghand dentista, ghand psikjatra jew counsellor, ghand l-okkulista, ghand il-fisjoterapista jew ix-xiri ta' nuccali jew *contact lenses* jew "brace" ghas-snien fost ohrajn.

[30] Diritto.it
[31] Diritto.it – www.diritto.it

**b)** "**Spese relative all'istruzione"**[32] – u cioe' spejjes relatati mal-edukazzjoni tal-minuri. Bhala spejjes ordinarji jinkwadraw il-kotba tal-iskola, stationery u photocopies, spejjes relatati mal-attivitajiet skolastici, inkluz l-Muzew u spejjes relatati mal-uniformijiet. Bhala spejjes straordinarji jidhru l-private lessons, studju barra minn Malta inkluz l-Universita', repeaters, attendenza f'istituzzjonijiet privati jew attendenza ta' korsijiet specjalizzati kif ukoll attendenza relatata ma' summer school u spejjes relatati mal-istess.

**c)** "**Spese extrascolastiche"** [33] - u cioe' spejjes extra-kurrikulari relatati mal-attivitajiet sportivi li jattendu l-minuri, jew attivitajiet kulturali bhal ballet u gymnastics jirrapprezentaw spejjes ordinarji.

L-ispejjes straordinarji jinkludu fost ohrajn l-akkwist ta' kompjuter, is-servizi ta' babysitter, hrug ta' passaporti, spejjes relatati mal-Precett u Grizma.

S'intendi diversi minn dawn l-ispejjes ma jirrikjedux il-kunsens ta' xulxin, pero' hemm spejjes ohra li ghandhom bzonn kunsens reciproku. F'dan il-kaz, il-parti m'ghandhiex tichad il-kunsens kapriccosament u dejjem ghandha thares l-interessi tal-minuri u fl-istess waqt il-parti l-ohra ghandha dejjem thares li l-istess spiza hija wahda ragjonevoli u mhux ezorbitanti u tinkwadra fil-mezzi tal-parti l-ohra.

---

[32] Diritto.it – www.diritto.it

[33]Diritto.it – www.diritto.it

Il-konvenuta tinsisti ukoll li l-attur kien naqas li jhallas l-ispejjes tal-edukazzjoni u sahha skond id-digriet imsemmi u dan wassal ghall-debitu ta' €2,888.82.[34] L-attur da parti tieghu jirrifjuta li jhallashom peress li fil-fehma tieghu dawn l-ispejjes gew soddisfatti mal-hlas tal-ammont tal-manteniment.

Ghaldaqstant, tenut kont tal-konsiderazzjonijiet fuq imsemmija u li llum l-konvenuta ziedet l-introjtu taghha, l-attur ghandu jhallas is-somma ta' €350 kull erba' gimghat u dan ghandu jinkludi l-ispejjes edukattivi u tas-sahha, filwaqt li l-ispejjes straordinarji ghandhom jinqassmu bin-nofs.

Il-Qorti ezaminat ukoll il-pretensjoni tal-konvenuta ghas-somma ta' €2, 888.82 u a bazi tad-distinzjoni li saret hawn fuq bejn spejjes ordinarji u straordinarji u fil-parametri tad-digriet tat- 18 ta' Marzu, 2013 gie determinat li l-attur ghandu jhallas €1510 lill-konvenuta bhala sehemu ta' nofs l-ispejjes straordinarji.[35]

Ghall-finijiet ta' dan il-kaz gie rilevat ukoll li l-minuri jbati bl-eczema u minhabba f' hekk il-konvenuta jkollha tixtri diversi medicini u kremiet bhala kura ghal din il-kundizzjoni. Dawn l-ispejjes gew ikkunsiderati bhala spejjes straordinarji. Wiehed japprezza ukoll l-argument tal-attur, li l-konvenuta ghandha polza ta' assikurazzjoni medika u ghalhekk mhix qed taghti l-kontribuzzjonijiet taghha, izda jekk dina ghandha dan il-vantagg offrut bhala parti mill-pakkett tal-impjieg taghha, hadd ma jista' jaghtiha tort u jlumha li tutilizzaha.

[34] Ara dok,. AMSC1
[35] Ara dok. AMSC1

**DECIDE**

Ghaldaqstant, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel kontro-talba attrici minghajr ma tattribwixxi responsabbilita' lill-partijiet u dan bi ftehim bejniethom.

2. Tilqa' t-tieni kontro-talba attrici.

3. Tilqa' t-tielet u r-raba' kontro-talba attrici u tordna li l-access ghall-attur jigi ezercitat kif fuq deciz.

4. Tilqa' l-hames kontro-talba u tordna li l-attur ghandu jhallas €350 bhala manteniment ghall-minuri, li jinkludu l-ispejjes edukattivi u tas-sahha ordinarji, filwaqt li l-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni straordinarji kif fuq iddentifikat ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet. Il-manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja. L-attur ghandu jhallas ukoll is-somma ta' €1510 bhala arretrati tal-ammont ta' spejjes straordinarji li naqas li jhallas l-attur.

5. Tilqa' s-sitt kontro-talba attrici.

6. Tilqa' s-seba' kontro-talba attrici.

7. Tichad it-tmien kontro-talba attrici.

8. Tilqa' d-disa' kontro-talba attrici.

L-ispejjes ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet.

Onor. Anthony G Vella
**Imhallef**

Cettina Gauci
**Deputat Registratur**